MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 1/2009

**Anthony Saliba**

**vs**

**Yorkie Clothing Industry Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Mejju, 2009, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

"**1. Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie intavolat permezz ta' rikors tal-25 ta' Settembru 2008 maghmul minn l-Avukat Anglu Farrugia f'isem Anthony Saliba fejn gie allegat li dan kien gie licenzjat mill-impieg tieghu minn ma' Yorkie Clothing Industries Ltd fit-8 ta' Awwissu 2008 minghajr raguni gust.. Is-Socjeta` Intimata li kienet rapprezentata mis-Sur Jeffrey Calleja,

Direttur, assistit minn l-Avukat Matthew Brincat, cahdet dan.

Inzammu sitt seduti.

A tenur ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jinghad li minhabba nuqqas infrastrutturali li jrid ihabbat wiccu maghhom it-Tribunal u d-differimenti li ntalbu, inkluz perijodu meta r-rikorrent kellu jaghmel operazzjoni, ma kienx possibbli li l-kaz jinqata' fi zmien xahar kif preskritt mill-istess Kap.

**<u>2. Fatti tal-Kaz</u>**

Ir-rikorrent li kellu seba' u ghoxrin sena servizz kien akkumula perijodi twal ta' assenza minhabba mard u *injury.* Fit-8 ta' Awwissu 2008 kien gie licenzjat ghal dak li s-Socjeta` Intimata sejhet *long term sick leave.* Ir-rikorrent jghid li l-assenza tieghu kienet minhabba konsegwenzi ta' korriment li kien gralu waqt il-hin tax-xoghol waqt li s-Socjeta` Intimata tghid li dejjem kienet irciviet certifikati ta' mard u mhux ta' *injury.* Wara li offrietlu li jidhol jahdem fuq *light duties* u, skont hi r-rikorrent irrifjuta, iddecidiet li tillicenzjah.

**<u>3. Konsiderazzjonijiet</u>**

Mill-provi "li nghataw quddiem it-Tribunal jirrizulta li f'Ottubru tal-2007 ir-rikorrent waqt li kien igorr xi kaxxi fil-hin tax-xoghol hass ugiegh kbir tant li waqa' u bilkemm seta' jqum. Eventwalment twassal mill-mara tieghu l-isptar fejn tawh hafna *painkillers.* Baqa' mugugh u sussegwentement kellu jaghmel operazzoni f'dahru. Jidher b'mod car li s-Socjeta` Intimata kienet taf bil-problema ta' dahru tant li offrietlu biex jahdem *light duties.* Mill-banda l-ohra r-rikorrent li kellu sensiela twila ta' certifikati medici li juru l-istat ta' sahhtu naqas li jurihom lill-principal tieghu, ghad li jidher li diversi drabi kien jindika li kellu visti ghand varji specjalisti. In-nuqqas tieghu li jghid car u tond lis-

Socjeta x'kellu u ma kellux u li jissostanzjah bic-ceritifikati li eventwalment intavolhom fil-process serviet biex tikkomplika ruhha l-kwistjoni. Izda dan ma ezonerax lis-Socjeta Intimata li taghti piz lil-lanjanza tieghu. Ghaliex mid-dokument esibit mis-Socjeta stess (Dok AS10) datat 23 ta' Ottubru 2007 jirrizulta li kien hemm kaz ta' *injury.* It-tezi tas-Socjeta Intimata li r-rikorrent kien ibati b'dahru qabel l-allegat incident ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-incident gara fuq il-post tax-xoghol waqt li kien qed jahdem. It-Tribunal huwa konvint li dan kien, kaz genwin ta' *injury.*

**4. Decizioni**

It-Tribunal Industrijali jiddecidi li l-licenzjament tar-rikorrent Anthony Saliba minn mas-Socjeta Intimata Yorkie Clothing Industries Ltd saret minghajr il-kunsens tieghu waqt perijodu ta' *injury leave* u ghalhekk kontra l-provvimenti ta' l-Artikolu 36(15) tal-Kap 452.

**5. Kumpens**

It-Tribunal jillikwida l-kumpens dovut lir-Rikorrent mis-Socjeta Intimata fl-ammont ekwivalenti ghal paga *gross* ta' sena li minnha irid jitnaqqas kull beneficcju ghal korriment li jkun ircieva l-istess Rikorrent sa zmien sena mill-ahhar paga li dahhal.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

**6. Drittijiet**

Ai termini ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93.17 kull wiehed."

Il-kumpanija intimata tillanja minn din is-sentenza bl-aggravju generiku li din hi illegali ghall-motivi segwenti:-

(1) It-Tribunal ikkundannaha thallas ammont li mhux likwidat;

(2) It-Tribunal kiser id-dispost ta’ l-Artiklu 80 (4) tal-Kapitolu 452 billi ma pprestax attenzjoni ghal konsiderazzjoni tas-*sick leave* li l-impjegat ha fis-snin 2007 u 2008;

(3) Ir-ragonament tat-Tribunal hu wiehed kontradittorju u fih zbalji logici-guridici;

Il-Qorti jidhrilha li ghall-importanza tieghu huwa utli li qabel xejn tinvesti t-tielet gravam sottopost. B’dan l-ilment taghha s-socjeta` appellanti tissottometti b’kontestazzjoni illi, mentri t-Tribunal osserva li l-impjegat taghha kellu sensiela ta’ certifikati medici li juru l-istat ta’ sahhtu, u li hu naqas li jurihom lilha, fl-istess waqt, it-Tribunal ma tax kaz ta’ dak il-fatt u dokumenti izda semplicement ghadda biex ikkummenta illi hu kien konvint li si tratta ta’ kaz genwin ta’ “*injury*”;

Huwa forsi necessarju ghall-ahjar stharrig ta’ dan l-aggravju illi l-Qorti taghmel din l-introduzzjoni preliminari. F’rapport tax-xoghol jezistu qaghdiet ta’ kawzi sopravenjenti li jgibu s-sospensjoni temporanja ta’ dan l-istess rapport, izda mhux ukoll dik tat-terminazzjoni tieghu, jekk, s’intendi, mhux fil-kazijiet prevvisti mill-ligi. Din is-sospensjoni temporanja tista’ tkun l-effett ta’ mard jew ta’ korriment jew, ukoll, ta’ xi event iehor;

Fil-kaz in ezami t-Tribunal Industrijali kien affrontat minn allegazzjoni da parti ta’ l-appellat illi fis-17 ta’ Ottubru, 2007, u fil-kors ta’ l-ezekuzzjoni tal-mansjonijiet tieghu fuq il-post tax-xoghol, huwa sofra wgigh f’daharu waqt li kien qed igorr xi kaxxi. Dan l-incident hu hekk ikkonfermat mill-Applikazzjoni ghall-Beneficcju tal-Korriment (fol. 38) sottofirmat mill-impjegat u mill-principal tieghu, u, kwantu ghax-xorta ta’ infortunju, hu korroborat ukoll mir-rapport

tas-27 ta’ Lulju, 2008 tat-Tabib tal-kumpanija, Dr. J. Portelli Demajo (fol. 13), fejn, fuq il-verifika ta’ l-istorja medika ta’ l-appellat, jadduci illi “*at present he is suffering from back pain due to a nerve entrapment between discs*”;

Indubbjament, l-infortunju fuq il-post tax-xoghol hu hekk karatterizzat minn kawza vjolenti u dik tan-ness ta’ l-okkazjoni ta’ l-event max-xoghol prestat. Naturalment, meta tqum kwestjoni bhal din l-oneru tal-prova tar-rabta kawzali bejn il-korriment u dik ta’ l-inabilita` tieghu ghax-xoghol, anke permezz ta’ assenzi frekwenti, jinkombi fuq l-impjegat. F’kazijiet ta’ dan il-generu tali prova tista’ ssir permezz ta’ certifikati medici li jillustraw il-qaghda tad-debilita` tieghu jew dik ta’ l-aggravament taghha;

Fil-fattispeci tal-kaz prezenti l-atti juru sensiela ta’ certifikati medici ghal skop ta’ *sick leave* u jidher li, bil-kontra ta’ dak dedott mis-socjeta` appellanti, ukoll dawn ittiehdu in konsiderazzjoni mit-Tribunal u gew, flimkien ma’ provi ohra attendibbli, evalwati fil-kwadru komplessiv tal-provi oggettivi ghal fini tal-konvinciment ta’ l-istess Tribunal biex wasal ghall-konkluzjoni proprja li verament si trattava ta’ kaz genwin ta’ korriment;

Jista’ jkun illi kif illanjat mill-kumpanija appellanti, jew, ukoll, kif osservat mit-Tribunal fis-sentenza oppunjata, l-appellat naqas li juri c-certifikati medici lill-principali tieghu izda fuq daqshekk dik l-inosservanza tieghu ma kellhiex tincidi daqstant fuq il-genwinita` tal-kaz. Kif kellha okkazjoni tosserva l-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** “*in ipotesi di assenza dal lavoro per malattia, l’inosservanza, da parte del lavoratore, dell’obbligo di inviare la documentazione medica attestante la malattia non implica di per se` in modo automatico, il giudizio di non giustificazione dell’assenza, trattandosi di comportamente che deve essere valutato dal giudice nel contesto delle circostanze in cui si è verificato*”. (**Cass. 6 ta’ Gunju, 2000, Numru 7641** u **9 ta’ Gunju, 1993, Numru 6416**);

Fl-apprezzament ta' l-assjem tal-provi din il-Qorti ma tara xejn illogiku jew inkongruwu fil-motivazzjoni tat-Tribunal. Wisq anqas, kontradittorju fl-operat tieghu taht il-profil tal-valutazzjoni tal-materjal probatorju jew dik tar-*ratio decidendi* tieghu. It-Tribunal sewwa apprezza l-elementi ta' fatt minnu utilizzati skond il-poter diskrezzjonali fih rivertit u in bazi ghall-principju tal-liberu u prudenzjali konvinciment lilu, b'mod ampju, akkordat;

Huwa veru li wara xi zmien l-kumpanija appellanti offriet lill-appellat li jidhol lura ghax-xoghol fuq "*light duties*" (ara ittra ta' l-Avukat tal-kumpanija tat-22 ta' Lulju, 2008 a fol. 14) u din hi haga sewwa ghaliex, kif jinsenja l-awtur **Norman Selwyn** fl-opra omonima tieghu "**Law of Employment**", 15th Edition, Oxford University Press, 2008, f'kazijiet konsimili, "*alternative employment may be considered, or flexibility introduced into attendance improvement schemes. In other words, a great deal can be done to solve the problem, rather than merely consider dismissal as a solution ("**Kerrigan -vs- Rover Group Ltd**")*" – para. 17.102. Fil-kaz prezenti, pero`, jidher li r-rifjut ta' l-appellat li jirritorna ghax-xoghol anke biex jippresta *light duties*" ma kienx wiehed kapriccjuz tenut rigward tal-pariri medici li kellu (ara ad ezempju ittra tal-konsulent newro-kirurgiku a fol. 112) u ta' l-operazzjoni li kellu jissubixxi fis-16 ta' Novembru, 2008 (ara dokument a fol. 109). Wara kollox, kien hekk ukoll konsiljat mit-Tabib ta' l-istess kumpanija appellanti (ara rapport tieghu a fol. 13) meta iccertifika illi "*the employee is not able to perform work which involves carrying of heavy weights, pulling or pushing or straining at works or loads, at work, he is not able to stand on ladders, he is not able to bend or stoop for long or repeatedly. He also may not be seated for long as this would be painful*". Dan, ukoll, fil-fehma ta' l-istess tabib, "*even if he had to return to work on light duties*";

Jibqa' l-fatt illi l-licenzjament ma kienx, u ma huwiex, gustifikat fil-presenza ta' qaghda ta' korriment, u meta dan

jigri, dak il-licenzjament ghandu jitqies illegittimu. Sewwa ghalhekk iddecieda t-Tribunal;

B'kull rispett, imbaghad, din il-Qorti ma ssibx serjata fl-ilmenti l-ohra dedotti mis-socjeta` appellanti. Anke hawn it-Tribunal korrettement iddecieda meta stabilixxa l-kumpens dovut tal-mod minnu prefiss. Apparti li l-Qorti ma ssibx li t-Tribunal iddevja la mill-parametri ta' l-Artikolu 80 (4) u wisq anqas minn dawk ta' l-Artikolu 81 (2) ukoll jekk mhux ipprecizat l-ammont kompensatorju hu facilment accertabbli u likwidabbli in raguni ghal dik ta' l-ekwivalenza tieghu mit-Tribunal maghmula ma paga gross ta' sena, salv ghar-riduzzjoni skond kif mis-sentenza kkontemplata. Hi, wara kollox, prerogattiva tat-Tribunal a norma ta' l-istess Artikolu 81 (2) tal-Kapitolu 452 illi bhala rimedju ghat-tkeccija ingusta huwa jista' jiffissa dak il-kumpens u jaghti dawk l-ordnijiet li jidhirlu xierqa u opportuni skond ic-cirkostanzi pekuljari tal-kaz.

Ghall-motivi kollha superjorment dedotti l-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez gudizzjarji relattivi ta' din il-procedura jitbatew mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------